# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali
# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Luca Lorenzo Callus Randich

Illum 17 ta` Marzu, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta’ Luca Lorenzo Callus Randich bin Carmel u Audrey Anne nee’ Randich imwieled fil-12/02/1994 u joqghod 41, St Laurant Fl 2, Triq Ic-Cervjola, Marsaskala. ID 81394M.

Billi int akkuzat talli fit-29 ta’ Ottubru, 2022 ghall-habta ta’ 05.30 hrs u fil-hinijiet ta` qabel f’Triq Sant` Antnin, Marsaskala soqt vettura b’numru ta’ registrazzjoni KBV521;

1. U b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta' tharis tar-regolmenti, nvolontarjament ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna ta’ Mahnaz Tala li gabet il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218

tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta skond kif iccertifika Dr. Mahmud Hamido M.D. mill-M.D.H., Kap 9 Art 226(1)(a)

2. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera Perikoluza, Kap 65 Art 15(1)(a)(2);
3. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, Kap 65 Art 15(1)(a)(2);
4. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont, Kap 65 Art 15(1)(a)(2);

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikolu226(1)(a) tal-Kap 9 u Art 15(1)(a)(2) kap 65 u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

PS 22110 T Mangion u PS 2366 Jessica Degiogio u t-Tabib Mahmud Hamida xehdu permezz ta` affidavid

**<u>Mahnaz Tala, ID:121006A, xehdet hekk</u>**

Xhud: Iva nahlef, Mela 29 ta` Ottubru, 2022 il-gurnata ta` Haloween jiena kont sejra ix-xoghol, meta kont sejra ix-

xoghol kienu il-5.30 ta` filghodu kelli l-karozza pparkjata din in-naħa.

Avu: It-triq taf x'kienet jekk jogħġbok?

Xhud: Triq hija ġewwa Marsascala, Jiena kont sejra il barra minn Marsaskala direzzjoni lejn ħal Far biex imur ix-xogħol.

Avu: Hemm xi ħanut?

Xhud: Waqaft biex nixtri soft drink, Mela għandi ritratt u għandi xi pendrive ukoll.

Qorti: Mela dan min hadu dar-ritratt?

Xhud: Jiena haddtu.

Qorti: Dakinhar, jew wara?

Xhud: Ħadtu madwar erba' xhur ilu meta kellna s-seduta.

Qorti: Il-pendrive hemm ritratt?

Xhud: Hemm ritratt ta' fejn ġara l-inċident u video u jiena haddthom.

Xhud: Mela jiena bqajt fejn il-karozza tiegħi biex imur x'naqsam min-naħa l-oħra biex nixtri xi ħaġa, mela hekk kif kont qed naqsam it-triq hemm indikat,

Qorti: Minn fejn ghall-fejn indikali ftit?

Xhud: Qed tindika b'ċirku fejn kellha il-karozza tagħha pparkjata. Issa x-xhud qed tindika vleġġa f'nofs ta' triq fejn hemm central strip u qalet li waqfet hemmhekk. Issa qed tgħid li minn fejn kien hemm din is-central strip li riedet taqsam ghall-karreġġjata l-oħra tkompli taqsam. Jiena kont għadni jiena kont ghadni hemm fis-centre strip fin-nofs kont għadni ma qsamtx kont għadni hemmhekk.

Avu: Kont qed tgħidilna forsi ma gietx fit-translation waqaft hemmhekk u xi ħadd ġibidlek l-attenzjoni?

Xhud: Ok qed tispjega li waqt li kienet fin-nofs fuq is-centre strip kien hemm xi ħadd mal-karreġġjata l-oħra minn fejn kienet għadha ġejja minfejn kellha l-karozza. Kien hemm xi persuna qaltilha inti inti ġejja hawnhekk x'ħa tagħmel. Imbagħad f'daqqa f'daqqa wahda b'mod li ma nafx kif seħħ ħassejt impatt jien kont għadni fin-nofs fejn hemm is-centre strip fejn qiegħed mmarkat bil-vleġġa u din dan l-impatt tefghani hemm madwar 25m il-bogħod kif qaluli. Qalulha li din il-persuna li laqtitha kien kien ġej kien xi DJ apparentament għax qalulha. Hi kienet hi kienet taħt xokk ma setgħetx tieħu nifs kien qed tirtogħod, ġabuli kurta ghattewni cemplu l-ambulanza u ġiet l-ambulanza, Imbagħad ħaduni l-isptar.

Avu: Kemm kemm domt l-isptar?

Xhud: 3 ijiem domt l-isptar, kelli tliet, 3 fractures f' dari, 50 fil-mija tal-vertebra tiegħi hija hija mitlufa l-fwied inqasam kelli stitches fuq il-minkeb tiegħi tax-xellug, bħalissa qed nistenna qed operazzjoni il-ħajja tiegħi inbidlet il-quality of life tieghi inbidel b'mod mod drastiku.

Avu: Jiġifieri meta ħasset id-daqqa hi kienet qed taqsam jew kienet wieqfa?

Xhud: Mad-daqqa jien ma kontx qed naqsam meta hassejt id-daqqa, jiena ma kontx qed naqsam ma nafx minn fejn ġiet din il-karozza, jiena hassni xi haga daqqa kbira li tajjritni qisni buzzieqa. Wara xi ftit xhur xi 8 xhur, sena mort hemmhekk u f'dawk li rawni tal-madwar tal-ħanut qalli għadek ħajja inti. Imbagħad kienu kien hu li qalli li dan bl-impatt tefghani madwar 25m. Wara 3 ijiem li ħriġt, wara 3 ijiem l-isptar ħrigt ċempluli l-pulizija biex immur nagħmel ir-rapport. Jiena meta kont hemmhekk l-għassa tal-pulizija sqaejt jekk għamlux it-test ta' tal-alkoħol u d-droga peress li kien il-lejl ta` Haloween u hu kien DJ u qaluli le ma sarx ghax ma kellux riha ta` xorb.

Pros: Tiftakar min kien qed isuqha il-karozza?

Xhud: Le ma niftakarx min kien qed isuqha il-karozza, li niftakar zewg minn nies zaghar fil-5.30 ma kien hemm hadd kull ma kien hemm zewg hwienet miftuhin, jiena kont għedt xokk mal-art niftakar li kien hemm 2 subien żgħar peress li kont fuq xokk ma stajtx kont qed nitriegħed ma stajtx

nitkellem sew. Wieħed minnhom kien qiegħed ikellimni kien qieghed hdejja. U jiena kont taħt xokk u jiena staqsejt u inti inti ttajjartni.

Pros: Tiftakar jekk dawn iz-zewg nies li forsi rajt ix-xena tar-rejat hux qeghdin hawn go din l-awla xi hadd minnhom?

Xhud: Sfortunatament dak il-dak il-lejl meta kont taħt xokk u niftakar li dak li kien qieghed hdejja beda jkellimni b`mod kostanti. Mela wieħed minnhom li kien qiegehd hdejja li kien qed ikellimni, qalli

Beda jghidilha oqghod mieghi oqghod kellimni oqghod kellmini, jiena saqejtu min tajjarni min tajjarni, dan wegibni qalli le ahna gejjin minn party ndan kien qed ikellimni biex jikonsla.

Pros: Konsegwenza ta` dan int kemm domt biex tmur ghax-xoghol?

Xhud: Jiena ma stajtx immur ghax-xoghol u itterminawni.

Qorti: Ghandha xi certifikat mediku?

Xhud: Ezebit lil pulizija.

Qorti: Dac-certifikat jirrizulta li 218, kawza sommarja din.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Xhud: Bħalissa qed nistenna mingħand it-tabib tiegħi biex nagħmel intervent operazzjoni f'dahri. Bħalissa ma nistax immur ix-xogħol ma nistax nistenna ma nistax noqgħod fuq is-saqqajja għal ħin twil, Lanqas ma nista' npoġġi għal ħin twil. Dak dak kollox dak kollu li ġara.

Avu2: Kontro Ezami, naqblu li ipparkjat fuq in-naħa ta' fejn hemm l-HSBC ħdejn ħanut jismu Jelly Babies quddiem garaxx? Jiġifieri biex niftehmu naqblu li kienet qed timblokka l-entratura tal-garaxx?

Xhud: Ma kontx qed timblokka peress illi kien hemm l-owner tal-garaxx qiegħed hemmhekk u qalli ma jimpurtahx qalli ddumx u kien qiegħed hemmhekk.

Avu2: Jiġifieri l-karozza tagħha kienet quddiem il-garaxx li sidha ma setax joħroġ jew jidħol dik biss?

Xhud: Ma kienx se joħroġ mill-garaxx pero imma hekk kif rani qalli ejja malajr iddumx. U jiena għidtlu għidlu iva iva ġejja u ma pero ma naqsamx kemm dawwart rasi, ma qsamtx imbagħad daqqa u l-ħin sar sar impatt qawwi fuqi.

Avu2: Mela ħa nispjega daqsxejn għaliex sid dan il-garaxx diġà taha l-verżjoni tiegħu lil pulizija u spjegalhom illi inti kont diga qsamt sa nofs it-triq meta ġibidlek l-attenzjoni li qiegħda quddiem il-garaxx tiegħu xi tgħidli dwar dan?

Xhud: Mela le ma qsamtx jiena kont qiegħda bilwieqfa qed inkellmu u meta u meta rani hu ġabli il-kutra mal-art.

Avu2: Mela ħa nerġa' nistaqsiha, jiġifieri inti ma kontx qsamt meta tajjritek il-karozza ma kontx qsamt inti nofs ta' triq għan-naħa l-oħra għax bilfors trid taqsam fuq in-naħa l-oħra biex ittajrek il-karozza hija u nieżla dik is central strip li ħadt ir-ritratt tagħha inti kont biss kont tlajt fuqha bil-pass jew le?

Xhud: Jiena kont qiegħda fuq is-centre strip 100% certa.

Qorti: Ha nifhem dan ir-ritratt hi dak għax hawn zewg marki fuq iż-żewġ centre strip liem wahda kienet qed bilwieqfa fuqu għax ifhimni lill-Maġistrat u tifhem irrelevanti apparentement, għax hemm 2 parking, fuq 2 centre strips differenti liem  wieħed jiġifieri dak il-vleġġa li hemm fuq il-parti l-oħra m'għandux x`jaqsam?

Xhud: Mela jiena kont ipparkjat hawnhekk fejn hawn iċ-ċirku is-centre strip fejn kont qiegħda wieqfa hija din tan-nofs hawn hekk hawn qisha vleġġa mmarkata vleġġa u jiena.

Qorti: Il-vleġġa li hemm in-naħa t'isfel x'inhi?

Xhud: Hawnhekk m' hawnx vleġeġ.

Avu2: Mela sinjorina inti kkonfermajli ikkonfermajtli li tlajt fuq is-centre strip mela allura bdejt taqsam ma triq mhux ma bdejtx taqsamha u qsamt f'nofsha fil-fatt żgur?

Xhud: Iva kont qsamt nofsha imma bqajt fin-nofs.

Avu2: U sens ta' dak il-punt naqblu illi f'dak il-punt illi inti kont qiegħda taqsam u ġibidlek l-attenzjoni sid il-garaxx inti dort biex tara x' għandu bżonn Waqt li qiegħda taqsam?

Xhud: Ma kontx qed naqsam jiena kont qiegħda wieqfa. Jiena kont qiegħda wieqfa u l-intenzjoni tiegħi kienet li naqsam imbagħad inkompli naqsam mat-tieni karreġġjata. Mela qsamt l-ewwel karreġġjata kont fin-nofs fejn hemm is-central strip u mbagħad kellimtu li din il-persuna tal-garaxx għidtlu ġejja dak imbagħad li l-intenzjoni tiegħi kienet li nkompli naqsam issa karreġġjata tan-naħa.

Avu2: Qed nikkonfermaw tikkonferma li dak il-ħin fuq is-centre strip kont meta ġibidlek l-attenzjoni u għidtlu ġejja?

Xhud: Iva iva kont qiegħda wieqfa hemmhekk. Kont qiegħda wieqfa hemmhekk lanqas biss għamilt pass kulma għamilt dawwart rasi għedtlu ġejja u f'daqqa u l-ħin sar l-impatt.

Avu2: Naqblu li mhux hekk ġara imma inti bdejt taqsam wara li kellmek hu ma ħaristx il-karozzi li kienu ġejjin U il-karozza ma tajritekx fuq is-central strip imma fit-triq?

Xhud: Ninsisti li ma kontx qiegħda naqsam imma kont qiegħda wieqfa, dak li laqatni kien baqa' għaddej bi speed qawwi.

Avu2: Qed nurik dan ir-ritratt li ħadt inti stess, naqblu li din is-centre strip iktar il fuq minna mis-siġar fuqha imma mhux qed jidhru f'dan ir-ritratt tiftakar, iġifieri in-naħa ta' wara

ta' fejn ġibdet ir-ritratt warajha fuq is-centre strip mis-siġar?

Xhud: Ma niftakarx.

Avu2: Issa tiftakar għallinqas li dak il-ħin li ġara l-inċident kien id-dlam mhux il-ħin qed nistaqsi jekk tiftakarx jekk kienx id-dlam jew id-dawl?

Xhud: Ma kienx hemm ħafna dawl pero kien beda jisbah.

Avu2: Issa tiftakar illi f'dik il-biċċa fejn qassmek jekk kienx hemm fuq dak il-punt eżatt li ovvjament m' hemmx imma tikkonferma li m'hemmx minn fejn jaqsmu n-nies il-persuni, jiġifieri żebra cross jew inkella fuq l-lights?

Xhud: Le m`hemmx zebra crossing fejn kont ipparkjata.

Avu2: Ġieli waqaft tixtri drabi oħra minn hemmhekk inti twaqqaf il-karozza tieqaf tixtri u taqsam it-triq?

Xhud: Kien dak in-nhar biss Okkażjoni ta' darba. Dik id-darba biss li waqaft biex immur.

Avu2: Dik id-darba biss l-aħħar mistoqsija naqblu allura illi f'din l-okkażjoni minħabba li kellmek sid il-garaxx u kont f'nofs ta' triq qiegħda taqsam inti ħassejtek mgħaġġla biex tmur tixtri ħalli tkun tista' tressaqlu il-karozza?

Xhud: Mela le jiena kont qiegħda wieqfa hemmhekk ma kellhiex għaġla kull m'għamilt għedtlu għidtlu dawwart rasi għedtlu ġejja u mbagħad f'daqqa u l-ħin xi ħadd tajjarni.

Avu2: Jiġifieri inti meta persuna tkun ipparkjata quddiem il-garaxx tiegħu u jgħidlek kemm se ddum biex ma ddumx, jiġifieri ma tħossokx mgħaġġla?

Xhud: Hu ma qalliex ejja ejja ejja b'mod mgħaġġel qalli qalli qalli ejja u jien għedtlu għedtlu iva ġejja.

Avu2: M'għandix iktar mistoqsijiet, tikkonferma il-vettura il-bajda bil-hazzard lights fil-filmat hija tieghek u li l-persuna li nizzlet minnha hija inti?

Xhud: Iva nikkonferm ali jien kont dik li nzilt mil-karozza l-bajda hija jiena.

Avu: Issa li rajt il-filmat milli tiftakar ovvjament il-karozza li tidher diehla fil-karregata ta` fejn kont qiegħda pparkjata inti. X' tista' tgħidilna dwarha wara li rajt il-filmat?

Xhud: Iva iva nikkonferma dak kollu dak kollu li ghedt fejn kont kollox.

Avu2: Mhux ħa ngħid Kontro Eżami l-aktar, il-filmat hu car.

**<u>Manwel Scicluna, ID:499565M xehed hekk</u>**

Pros: Sur Scicluna inti l-pulizija avzajthom xi ħaġa spjegalna daqsxejn fejn ġara u x' tiftakar x' tiftakar? Bejn wieħed u ieħor taf meta kien?

Xhud: Bejn wieħed u ieħor il-ħin niftakru żgur għax dak il-ħin noħroġ għax-xogħol orrajt sewwa. Jiena noħroġ dejjem fil-ħamsa u nofs ta' filgħodu.

Pros: Kien id-dawl jew kien id-dlam?

Xhud: Kien id-dlam u li niftakar hu li lanqas bozoz u mkissrin kien hemm fit-triq. Orrajt għax jien għandi ħafna bini hemmhekk jiena bennej u b'hekk weġġajt jiġifieri u ma kien hemmx dawl ta xejn.

Pros: X' lokalita' hi sinjur?

Xhud: Marsaskala fil-Main road.

Pros: Hemm ħafna ħwienet jiequ ħafna nies.

Pros: Tghidilna xi triq hi?

Xhud: Triq Sant Antnin għand l-bini hemmhekk jiena.

Pros: U direzzjoni lejn fejn kienet?

Xhud: Jiena il-propjeta tieghi minn fejn kont niezel tkun niezel lejn Wied il-Ghajn main road.

Pros: U x'rajt sinjur x'tiftakar?

Xhud: L-ewwel mara kull ma rajt, jiġifieri karozza pparkjata quddiem id-daħla tiegħi li din normali l-ħin kollu u issa m'għadnix noqgħod hemm mort noqgħod ġo farmhouse. Imma hemmhekk għandu blokka bini, jiġifieri immur sikwiet għandi t-tifla toqogħod hemm.

Pros: Kienet fuq quddiem il-garaxx tiegħi kien għal quddiem daħla ta' garaxxijiet mhux garax wieħed u jiena għedtilha ha ddum. No no no daqshekk.

Pros: Dak tiftakar?

Xhud: Dak dak li kellimtha jiena tajjeb.

Qorti: Hi Fejn kienet meta ghedtilha dan id-diskors?

Xhud: Hi fejn kienet hi kienet ħarġet minn ġol-karozza tagħha.

Pros: Imbagħad x' ġara jekk jogħġbok tiftakar?

Xhud: Jien komplejt nieżel għax għandi parapett kbir bit-turġien sewwa jien meta kellimtha bejn wieħed u ieħor ma nafx jekk kontx fuq it-taraġ jew ġol-parapett tiegħi u bqajt sejjer għal ġod-daħla tal-garaxxi god-daħla tal-garaxxi tiegħi. Kif appena dak nisma' boom kbira qed tifhimni iva dik smajtha boom kbira għadni niftakar.

Qorti: Imma fejn kienet hadet dil-boom ma tafx inti jigifieri, fejn kienet meta ntlaqtet ma tafx int jiġifieri?

Xhud: Jiena kif kellimtha sinjura Magistrat hi qabdet miexja nahseb jiena ghax imbagħad ma rajthiex mal- l-karozza. Jiena mort imbagħad jixgħel id-dawl waħdu ġo drive in tiegħi imma mbagħad, jiġifieri jekk niftakar sewwa meta smajt id-daqqa jien mingħalija u nixtieq naraha dil-mara għax naf li kellha xahra sewda orrajt għax umbaghad qadt magħha jien niftakar sewwa u hekk niftakar sewwa anke kont ġibtilha kutra.

Qorti: Fejn kienet hi fit-triq meta mort hdejha, fejn ma bejn is-centre strip u fejn id-daħla jew in-naħa l-oħra jew fuq is-centre fejn kienet?

Xhud: Mela kien dlam ċappa u dik li kieku baqgħet waħidha din il-mara orrajt kienet se tgħaddi karozza minn fuqha hi fit-triq kienet ma niftakarx jekk kienet l`hemm jew l`hawn niftakar li ħadt ħsiebha orrajt, Mbagħad ġew il-pulizija.

Pros: Meta smajt il-boom ħarġu xi nies minn din il-karozza?

Xhud: Ma kien hemm ħin niftakar gie ġuvni naf li kien fih naqra tifel qisu jien hekk imma kien għadu żgħir.

Pros: Jekk thares ftit go din l-awla li tiftakar li rajt u dak il-ġuvni li kien hemm forsi?

Xhud: Kellu naqra daqna jekk mhinix sejjer żball.

Pros; Ipprova hares daqxejn.

Xhud: Dak kien.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat.

Xhud: Naf li qad ħdejja orrajt naf li qatt ħdejja.

Qorti: Rajtu hiereg mil-karozza sinjur jew qad hdejk?

Xhud: Le le ma rajtux hiereg mil-karozza.

Qorti: Kien hdejk?

Xhud: Iva.

Pros: Intqal xi diskors tiftakar xi diskors li ntqal?

Xhud: Biex incemplu jien dawn l-affarijiet ma ninqalax orrajt biex iċemplu l-ambulanza. Jiena ma kelli l-ebda, jien ridt li jċemplu għall-ambulanza biex it-tfajla qed tifhem.

Avu: Mela il-karozza li laqtet lit-tfajla fejn spiċċat liema naħa spiċċat meta waqfet?

Xhud: Il-karozza naf li kienet Toyota, le kulur għax kumbinazzjoni il-kuluri minn dejjem narahom imma ma nafx nispjegahom,

Avu: Fejn spiċċat?

Xhud: Mela jekk mhux sejjer żball jien il-karozza rajtha. Jekk mhux sejjer żball l-isfel iżjed hemm ħanut taż-żebgħa.

Avu: L-Isfel iktar, mela din fiha zewg karreġġjati mela wahda tmur direzzjoni,

Xhud: Wahda titla u l-ohra tinzel.

Avu: F`liema wahda kienet?

Xhud: Li niezla.

Avu: Anka wara l-accident?

Xhud: Ijja hemm rajtha jiena.

Avu: Issa kemm kien hemm boghod mill-karozza u s-sinjura li rajt inti?

Qorti: Inti il-karozza rajtha tolqotha?

Xhud: Le le għax ħa ngħidlek għala għax jiena kont aħna mbagħad niżel, jiġifieri għad-daħla tal-garaxxi.

Avu: X`deba jinaghad jiġifieri bejn das-sinjur li għaraft fl-awla u f'dak il-mument li kien hemm it-tfajla mal-art?

Xhud: Ma niftakarx.

Avu: Kemm kemm għadda żmien minn meta kellimtha ghall meta smajt il-boom?

Xhud: Sekondo sekondi.

Avu2: Kontro Ezami, sinjur din is-centre strip naqblu li hemm is-siġar f' u aktar fuq faċċata tal-Jelly Babies hemm is-siġar?

Xhud: Mhux sigra ghax ghomri shih ili noqghod hemm mhux sigar baxxi hafna, iwa.

Avu2: U ikkonfermajt li kien dlam cappa kien?

Xhud: Dlam ċappa ta` veru għax il-pulizija għadni niftakarha jaqbadni l-bard illum kien dlam veru cappa.

Avu2: U inti anki llum semmejt xi bozoz maqtugħin, jiġifieri kienet tagħmel iktar diffiċli f' dik il-biċċa fuq, il-Bozoz li semmejt li maqtugħin eżatt fil-punt fejn ġara l-inċident eżatt fil-punt?

Xhud: Iva ghax kienu ilhom maqtugħin xi tliet ġimgħatanki L-arblu kien immejjel.

Avu2: Inti għedt li l-Qorti illi l-inċident essagg ma rajtux, smajt il-ħoss pero il-mara dehret fil-filmat illi qed iddur inti ma tistax ma rajthiex iddur biex titkellem ma' xi ħadd qisha tiftakar li inti bdejt tkellimha u twieġbek lilek?

Xhud: Iva iva.

Avu2: Waqt li qiegħda taqsam?

Xhud: Kumbinazzjoni jien niftakarha dik baqgħet ma tistax ma tiftakarhiex l-ewwel nies ħadt qatgħa kbira kbira barra hekk kellha l-karozza quddiem id-daħla ġie s-surġent, tatni ċ-ċavetta dak il-ħin biex inressaq, ghedtlu hawn surgent,

Avu2: Mhux qed nghidlek sinjur hu pacenzja bija ħalli ma naħlux ħin tal-Qorti mhux qed ngħidlek x'ġara wara u ġew il-pulizija u hekk dak il-ħin qabel ma ġara l-inċident kien

hemm diskors bejnek u bejn dik li ittajret fuq minħabba l-fatt li pparkjatlek quddiem l-entratura tiegħek?

Xhud: Dak id-diskors ghedtulha ghedtulha ghedtilha ha ddum hawn, No no no no daqsekk.

Avu2: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

**Ikkunsidrat**

Il-Prosekuzzjoni ma gabitx provi *beyond a reasonable doubt* regwardanti dan l-incident. D-dinamika tal-incident hi incerta ghall-ahhar u fic-cirkostanzi l-imputat mhux hati ta l-ebda wahda mill-imputazzjonijet fil-konfront tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9 u Art 15(1)(a) (2) kap 65 L.S. 65.18Art 36(B) il-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta ma ssibx lil Luca Lorenzo Callus Randich hati tal-imputazzjoni fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**